MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 18/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Borg**

**Il-Qorti**:

**1.** Fil-21 ta’ Frar 2000 Stephen Borg (bin Mary Borg, imwieled fit-12 ta’ Marzu 1978, u detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 155778M) tressaq b’att ta’ citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-2 ta’ Marzu 1998 u fix-xhur immedjatament precedenti dik id-data (**1**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi, u (**2**) li kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija droga bi ksur tal-ligi.

**2.** Jirrizulta li meta l-imsemmi Borg gie interrogat mill-pulizija, huwa ammetta l-fatt li kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija droga kif ukoll li ghaddiha lil haddiehor, inkluz lil certu Dione Tedesco. Gja` fl-udjenza tad-29 ta’ Frar

2000 quddiem il-Qorti Inferjuri – tajjeb li jinghad li l-ordni, datat 11 ta’ Gunju 1999, tal-Avukat Generali[1] kien li l-imsemmi Borg jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati – l-allura avukat difensur tal-akkuzat, Dott. Jose` Herrera, kien talab differiment biex id-difiza tkun tista’ “tirregola ruhha”. Minkejja dan, l-imputat ghazel, kif kellu kull dritt li jaghmel wara kollox, li jhalli l-prosekuzzjoni tressaq il-provi kollha taghha. Kien biss fit-2 ta’ Novembru 2005 li l-prosekuzzjoni ddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha, u dana wara li ddepona l-imsemmi Tedesco (li allura ddepona biss wara li l-kaz tieghu kien gie definittivament deciz). Fil-5 ta’ Mejju 2006 l-akkuzat talab li jsir “Social Inquiry Report” – ezercizzju li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, kien hela taz-zmien prezzjuz tal-ufficjali tas-Servizz tal-*Probation* peress li, apparti li kien evidenti li hawn si tratta ta’ traffikar u allura ma tistax tigi evitata l-piena ta’ prigunerija, kullma l-akkuzat seta’ jrid li jigi ppruvat ghall-finijiet ta’ piena seta’ facilment jaghmlu billi jressaq huwa stess ix-xhieda. In fatti fir-rapport taghha l-Uffical tal-*Probation* spiccat biex kellha, fil-parti tar-rapport intestat “Rakkomandazzjonijiet”, tistqarr semplicement l-ovvju: *“Fid-dawl tal-informazzjoni migbura f’dan ir-rapport, inkluz il-fatt li Stephen Borg ammetta ghall-akkuzi ta’ traffikar migjuba kontrih, jidher li piena ta’ habs hija wahda adegwata. Biss qed jigi suggerit ukoll li jittiehed in konsiderazzjoni l-progress li huwa ghamel f’certa oqsma ta’ hajtu, partikolarment fil-qasam tal-familja.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

**3.** Fis-26 ta’ Mejju 2006 l-akkuzat formalment ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu (ara verbal ta’ dik l-udjenza a fol. 68 tal-atti). Fis-16 ta’ Novembru 2007 l-prosekuzzjoni ddikjarat li f’dan il-kaz kellu japplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Kien hemm diversi drabi fejn l-akkuzat ma deherx ghat-tahrikiet u kellu jinhareg mandat ta’ arrest.

**4.** Bis-sentenza taghha tat-18 ta’ Jannar 2010, il-Qorti tal-Magistrati (Malta), wara li ddikjarat lill-imsemmi Borg hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u wara li

[1] Fol. 9 tal-atti.

ddikjarat li kienet ser tapplika riduzzjoni ta' zewg gradi ghall-finijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101, kompliet hekk:

**"Madanakollu ma tistax tinjora li l-imputat kien diga` bejgh diversi drabi *ex admissis*. Mhux gustifikat li kien qed ibigh id-droga biex ikollu xi haga fil-but. Ghalhekk il-Qorti qed tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' tmien xhur u ghall-hlas ta' multa ta €600, liema multa tista' tithallas b'rata ta' 100 Euro fix-xahar. L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien erba' gimghat mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux. Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus maqbuda mill-Prosekuzzjoni. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura matul dawn il-proceduri skond kif jiddetermina r-Registratur wara li jara l-ispejjez involuti fil-hatra tal-Ispizjar analista u jaqsamhom bin-nofs (ghax din ir-relazzjoni ntuzat fi process iehor). Qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur."**

**5.** Minn din is-sentenza appella l-imsemmi Stephen Borg. L-appell hu limitat ghall-piena, u in partikolari ghall-piena ta' prigunerija. Hu jikkontendi li kien hemm diversi fatturi u cirkostanzi li kellhom "jinghataw aktar konsiderazzjoni" mill-ewwel qorti fl-erogazzjoni tal-piena: il-fatt li l-ammont ta' droga kien zghir hafna, il-fatt li ghamel sforz biex ibiddel hajtu, li l-proceduri damu ghaddejjin u li hu kkopera mal-pulizija.

**6.** Din il-Qorti tara li dana l-appell huwa wiehed fieragh. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax – bhalma gja osservat f'diversi kazijiet ohra simili – li hawn ghandna kaz fejn, kieku l-appellant verament ried jikkopera ghall-gid tieghu stess u sabiex ma jinheliex iz-zmien tal-Qrati, seta ammetta mill-bidunett. Hu, minflok, ghazel, kif kellu dritt li jaghzel, li jhalli l-prosekuzzjoni tressaq il-provi kollha taghha u wara, meta deherlu li kien hekk konvenjenti ghalih, jammetti. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha biss tikkunsidra xi riduzzjoni fil-piena. Kullma kellu jittiehed in

konsiderazzjoni gie hekk mehud in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti. Mill-fedina penali aggornata tal-appellant, ezibita waqt l-udjenza tal-bierah, jidher ukoll li wara li l-imsemmi Borg tressaq in konnessjoni mal-imputazzjonijiet meritu ta' din il-kawza, huwa kellu diversi kundanni ohra, fosthom kundanni dwar serq, hsara volontarja u ricettazzjoni.

**7.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li, kif inghad, dana l-appell huwa wiehed fieragh fit-termini tal-Artikolu 429(2) tal-Kap 9 tikkundanna addizjonalment lill-appellant ghal ammenda ta' mitt Euro (€100), konvertbbli fi tmint (8) ijien detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------